## Perspettiva

Jiena nħoss li wasal iż-żmien li nerġgħu nixtarru l-problema tal-faqar mill-ġdid u niżnu x'għandu jkun il-livell ta' dħul li taħtu l-ebda persuna jew familja m'għandhom jitħallew jaqgħu. Dan sar aktar urġenti fid-dawl tat-taqlib finanzjarju u ekonomiku kbir li għaddejja minnu d-dinja bħalissa.

Jiena konvint li hemm ammont sinjifikanti ta' foqra li lanqas biss nafu bihom. Hija realtà kerha minkejja li forsi ma tagħtix fil-għajn daqs għaxar snin ilu. L-istil ta' ħajja kontemporanja jikkontribwixxi ħafna biex jaħbi t-tip ta' faqar ġdid.

Il-ħila tal-familji li jlaħħqu mal-ħajja qiegħda tkun mhedda minn żidiet għolja fil-prezzijiet b'mod ġenerali, iżda speċjalment f'dak li jirrigwarda ikel, saħħa u enerġija. Familji bi dħul baxx, pensjonanti, nies qiegħda u kategoriji oħra ta' nies fis-soċjetà huma partikularment vulnerabbli u jsibuha diffiċli li jlaħħqu ma' l-ispejjeż tal-ħajja minħabba li l-ħteġiet ta' kuljum jassorbu l-maġġuranza tad-dħul tagħhom.

It-triq tan-niżla li qabdu ħafna ekonomiji bħala riżultat tar-riċessjoni bil-fors li se tikkawża nuqqas ta' stabbiltà fil-biċċa l-kbira tas-setturi ta' l-ekonomija. It-tnaqqir fi programmi soċjali, tnaqqis fis-servizzi b'xejn u reviżjonijiet fil-pensjonijiet ikomplu jgħarrqu l-pożizzjoni ta' dawk li jgħixu fuq dħul fiss.

Jiena nemmen li l-UE u l-istati membri għandhom jieħdu din il-problema bis-serjetà fi sforz biex inaqqsu l-inugwaljanzi kbar li hemm u t-tbatija li l-faqar moħbi qiegħda timponi fuq ħafna ċittadini, qabel din il-problema ssir il-kawża ta' taqlib ekonomiku u politiku fis-soċjetajiet tagħna.